SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

7 ta' Settembru 2023*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Servizzi postali fl-Unjoni Ewropea – Direttiva 97/67/KE – Ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 9(3) – Artikolu 22 – Impriżi tas-settur postali – Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-funzjonament tal-awtorità regolatorja tas-settur postali – Obbligu – Piż finanzjarju sostnut esklużivament mill-atturi tas-suq, mingħajr distinzjoni skont it-tip tas-servizzi pprovduti – Prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni"

Fil-Kawża C-226/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta' Marzu 2022, fil-proċeduri

**Nexive Commerce Srl,**

**Nexive Scarl,**

**Nexive Services Srl,**

**Nexive Network Srl,**

**Nexive SpA,**

**General Logistics Systems Enterprise Srl,**

**General Logistics Systems Italy SpA,**

vs

**Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni,**

**Presidenza del Consiglio dei Ministri,**

**Ministero dell'Economia e delle Finanze,**

**Ministero dello Sviluppo economico,**

u

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

**BRT SpA**

vs

**Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni,**

**Presidenza del Consiglio dei Ministri,**

**Ministero dell'Economia e delle Finanze,**

u

**AICAI – Associazione Italiana Corrieri Aerei Internazionali,**

**DHL Express (Italy) Srl,**

**TNT Global Express Srl,**

**United Parcel Service Italia Srl,**

**Fedex Express Italy Srl,**

**Federal Express Europe Inc. Filiale Italiana**

vs

**Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni,**

**Presidenza del Consiglio dei Ministri,**

**Ministero dell'Economia e delle Finanze,**

**Ministero dello Sviluppo economico,**

fil-preżenza ta':

**Nexive SpA,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, D. Gratsias (Relatur), M. Ilešič, I. Jarukaitis u Z. Csehi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal BRT SpA, minn E. Fumagalli, A. Manzi, u L. Scambiato, avvocati,

– għal A.I.C.A.I. – Associazione Italiana Corrieri Aerei Internazionali, DHL Express (Italy) Srl, TNT Global Express Srl, Federal Express Europe Inc. Filiale Italiana u United Parcel Service Italia Srl minn M. Giordano, avvocato,

– għal General Logistics Systems Enterprise Srl u General Logistics Systems Italy SpA, minn M. Giordano, avvocato,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn E. De Bonis u minn B. G. Fiduccia, avvocati dello Stato,

– għall-Gvern Belġjan, minn P. Cottin u J.-C. Halleux, bħala aġenti,

– għall-Gvern Elleniku, minn V. Baroutas u K. Boskovits, bħala aġenti,

– għall-Gvern Litwan, minn K. Dieninis u S. Grigonis, bħala aġenti,

– għall-Gvern Portugiż, minn P. Barros da Costa, A. Pimenta, M. J. Ramos, bħala aġenti, assistiti minn S. Gonçalves do Cabo, advogado,

– għall-Gvern Norveġiż, minn I. Collett, V. Hauan u L. Tvedt, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Malferrari u M. Mataija, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati matul is-seduta tat-23 ta' Marzu 2023,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(2) u (3), u tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 71), kif emendata bid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008, (ĠU 2008, L 52, p. 3, rettifika fil-ĠU 2015, L 225, p. 49) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 97/67") kif ukoll tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, Nexive Commerce Srl u operaturi ekonomiċi oħra li jipprovdu servizzi ta' posta espressa (iktar 'il quddiem "Nexive Commerce *et*") u, min-naħa l-oħra, l-Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni (l-Awtorità għall-Garanzija tal-Komunikazzjonijiet, l-Italja) (iktar 'il quddiem l-"AGCOM"), il-Presidenza del Consiglio dei Ministri (il-President tal-Kunsill tal-Ministri, l-Italja), il-Ministero dell'Economia e delle Finanze (il-Ministeru għall-Ekonomija u għall-Finanzi, l-Italja) u l-Ministero dello Sviluppo economico (il-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku, l-Italja), dwar id-Deċiżjonijiet

Nri 182/17/CONS, 427/17/CONS u 528/18/CONS li permezz tagħhom l-AGCOM iddeterminat, għas-snin 2017 sa 2019, l-ammont u l-modalitajiet ta' ħlas tal-kontribuzzjoni dovuta mill-entitajiet li jeżerċitaw attivitajiet fis-settur tas-servizzi postali għall-finijiet tal-finanzjament tal-ispejjeż tal-funzjonament tagħha (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati").

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Direttiva 97/67*

3 Skont kliem il-premessa 39 tad-Direttiva 97/67:

"Billi sabiex jiġi żgurat l-iffunzjonar xieraq tas-servizz universali u sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni mingħajr xkiel fis-settur mhux riżervat, huwa importanti li l-funzjonijiet tar-regolatur jiġu separati, minn naħa l-waħda, u l-operatur, minn naħa l-oħra; billi ebda operatur postali ma jista' jkun kemm l-imħallef kif ukoll il-parti interessata; billi huwa l-Istat Membru li għandu jistabbilixxi l-istatut ta' awtorità nazzjonali regolatorja waħda jew aktar [(iktar 'il quddiem l-"ARN")], li tista' tintagħżel minn [fost] awtoritajiet pubbliċi jew entitajiet indipendenti maħtura għal dak l-iskop".

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni dwar:

[…]

– il-ħolqien ta' [ARN] indipendenti."

5 L-Artikolu 9 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"1. Għal servizzi li jaqgħu barra l-ambitu tas-servizz universali, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu awtorizzazzjonijiet ġenerali sal-limitu meħtieġ sabiex tiġi garantita konformità mar-rekwiżiti essenzjali.

2. Għal servizzi li jaqgħu fl-ambitu tas-servizz universali, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu proċeduri ta' awtorizzazzjoni, inklużi liċenzji individwali, sal-limitu meħtieġ biex tiġi garantita konformità mar-rekwiżiti essenzjali u biex jiġi żgurat il-forniment tas-servizz universali.

L-għoti ta' l-awtorizzazzjonijiet jista':

– ikun soġġett għall-obbligi ta' servizz universali,

– jekk meħtieġ u ġġustifikat, jimponi rekwiżiti li jirrigwardaw il-kwalità, id-disponibbiltà u l-prestazzjoni tas-servizzi rilevanti,

– fejn xieraq, ikun soġġett għal obbligu li jingħata kontribut finanzjarju lill-mekkaniżmi ta' kondiviżjoni msemmijin fl-Artikolu 7, jekk il-forniment tas-servizz universali jkun jimplika

spiża netta u jirrappreżenta piż inġust għall-fornitur(i) ta' servizz universali, innominat skond l-Artikolu 4,

– fejn xieraq, ikun suġġett għal obbligu li jingħata kontribut finanzjarju lill-ispejjeż operazzjonali [tal-funzjonament] ta' l-[ARN] msemmija fl-Artikolu 22,

– fejn xieraq, jiġi magħmul soġġett għal jew jimponi obbligu għar-rispett tal-kondizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti mil-leġislazzjoni nazzjonali.

L-obbligi u r-rekwiżiti msemmijin fl-ewwel inċiż u fl-Artikolu 3 jistgħu jiġu imposti biss fuq il-fornituri nnominati ta' servizz universali.

[…]

3. Il-proċeduri, l-obbligi u r-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu trasparenti, aċċessibbli, non-diskriminatorji, proporzjonati, preċiżi u mhux ambigwi, jkunu pubbliċi [ppubblikati] minn qabel u bbażati fuq kriterji oġġettivi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-raġunijiet għar-rifjut jew l-irtirar totali jew parzjali ta' awtorizzazzjoni jiġu kkomunikati lill-applikant u għandhom jistabbilixxu proċedura ta' appell."

6 L-Artikolu 22(1) u (2) tal-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jinnomina [ARN] waħda jew aktar għas-settur postali li jkunu ġuridikament separati mill-operaturi postali u joperaw b'mod indipendenti minnhom. L-Istati Membri li jżommu l-pussess jew il-kontroll ta' fornituri ta' servizz postali għandhom jiżguraw is-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjonijiet regolatorji minn attivitajiet assoċjati mal-pussess jew il-kontroll.

[…]

2. L-[ARN] għandu jkollhom bħala kompitu partikolari li jiżguraw konformità ma' l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva, b'mod partikolari billi jistabbilixxu proċeduri ta' monitoraġġ u regolatorji biex jiżguraw il-forniment ta' servizz universali. Jistgħu wkoll jiġu fdati li jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni fis-settur postali.

[…]"

*Id-Direttiva 2008/6*

7 Il-premessa 47 tad-Direttiva 2008/6 tipprevedi:

"Ir-rwol ta' l-[ARN] probabbli jibqa' kruċjali, b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri fejn it-transizzjoni lejn il-kompetizzjoni għadha teħtieġ titlesta. Skond il-prinċipju ta' separazzjoni tal-funzjonijiet regolatorji u operattivi, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza ta' l-[ARN] b'hekk jiżguraw l-imparzjalità tad-deċiżjonijiet tagħhom. Din il-ħtieġa ta' indipendenza hija mingħajr preġudizzju għall-awtonomija istituzzjonali u l-obbligi kostituzzjonali ta' l-Istati Membri u għall-prinċipju tan-newtralità fir-rigward tar-regoli fl-Istati Membri li jirregolaw is-sistema tal-proprjetà stabbilita fl-Artikolu 295 tat-Trattat. L-[ARN] għandhom jingħataw ir-riżorsi kollha meħtieġa, fir-rigward tal-persunal, il-kompetenza, u l-mezzi finanzjarji, għall-prestazzjoni tal-kompiti tagħhom."

*Id-Direttiva "ta' awtorizzazzjoni"*

8 Id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337), imħassra, fil-21 ta' Diċembru 2020, bl-Artikolu 125 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU 2018, L 321, p. 36, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi"), kienet tipprevedi, fl-Artikolu 12(1) tagħha intitolat "Ħlasijiet amministrattivi":

"Kull ħlas amministrattiv impost fuq impriżi li jfornu servizz jew network taħt l-awtorizzazzjoni ġenerali jew li lilhom ikun ingħata dritt ta' użu, għandu:

a) fit-total, ikopri biss l-ispejjeż amministrattivi magħmula fl-amministrazzjoni, kontroll u infurzar ta' l-iskema ta' l-awtorizzazzjoni ġenerali u tad-drittijiet ta' użu u l-obbligi speċifiċi kif imsemmija f'Artikolu 6(2), li jistgħu jinkludu spejjeż għall-kooperazzjoni internazzjonali, armonizzazzjoni u standardizzazzjoni, analiżi tas-suq, solveljanza tal-konformità u kontrolli oħra tas-suq, kif ukoll ħidma regolatorja li tinvolvi l-preparazzjoni u l-infurzar ta' leġislazzjoni sekondarja u deċiżjonijiet amministrattivi, bħal deċiżjonijiet dwar l-aċċess u l-interkonnessjoni; u

b) jiġi mpost fuq impriżi ndividwali b'mod oġġettiv, trasparenti u proporzjonat li jimminimizza spejjeż amministrattivi addizzjonali u l-ħlasijiet li jġibu magħhom."

*Il-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi*

9 Skont kliem l-Artikolu 16(1) tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, intitolat "Ħlasijiet amministrattivi":

"Kull ħlas amministrattiv impost fuq impriżi li jipprovdu netwerk jew servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi taħt l-awtorizzazzjoni ġenerali jew li lilhom ingħata dritt tal-użu, għandu:

a) ikopri, fit-total, biss l-ispejjeż amministrattivi mġarrba bil-ġestjoni, bil-kontroll u bl-infurzar tas-sistema tal-awtorizzazzjoni ġenerali u tad-drittijiet tal-użu u l-obbligi speċifiċi kif imsemmija fl-Artikolu 13(2), li jistgħu jinkludu l-ispejjeż għall-kooperazzjoni internazzjonali, l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni, l-analiżi tas-suq, il-monitoraġġ tal-konformità u kontrolli oħra tas-suq, kif ukoll il-ħidma regolatorja li tinvolvi l-preparazzjoni u l-infurzar ta' leġislazzjoni sekondarja u deċiżjonijiet amministrattivi, bħal deċiżjonijiet dwar l-aċċess u l-interkonnessjoni; u

b) jiġi mpost fuq l-impriżi individwali b'mod oġġettiv, trasparenti u proporzjonat li jnaqqas kemm jista' jkun l-ispejjeż amministrattivi addizzjonali u l-ħlasijiet assoċjati.

L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx ħlasijiet amministrattivi lil impriżi li l-fatturat tagħhom ikun inqas minn ċertu limitu jew li l-attivitajiet tagħhom ma jilħqux ċertu sehem minimu mis-suq jew li għandhom ambitu territorjali limitat ħafna."

### *Id-dritt Taljan*

10 Id-Direttiva 97/67 ġiet trasposta fid-dritt Taljan permezz tad-Decreto legislativo n. 261 – Attuazione della direttiva 97/67/CE concernente regole comuni per lo sviluppo del mercato interno dei servizi postali comunitari e per il miglioramento della qualità del servizio (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 261 li Jimplimenta d-Direttiva 97/67/KE dwar Regoli Komuni għall-Iżvilupp tas-Suq Intern tas-Servizzi Postali tal-Komunità u t-Titjib fil-Kwalità tas-Servizz), tat-22 ta' Lulju 1999, (GURI Nru 182, tal-5 ta' Awwissu 1999), li l-Artikolu 2(1) tiegħu kien jipprovdi li l-ARN tas-settur postali l-Ministeru għall-Komunikazzjonijiet.

11 Din id-dispożizzjoni ġiet emendata bl-Artikolu 1 tad-Decreto legislativo n. 58 – Attuazione della direttiva 2008/6/CE che modifica la direttiva 97/67/CE, per quanto riguarda il pieno completamento del mercato interno dei servizi postali della Comunità (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 58, li Jittrasponi d-Direttiva 2008/6/KE li Temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-Tlestija Kompleta tas-Suq Intern tas-Servizzi Postali Komunitarji), tal-31 ta' Marzu 2011 (GURI Nru 98, tad-29 ta' April 2011).

12 Mill-Artikolu 2(1) ta' dan id-digriet leġiżlattiv jirriżulta li l-awtorità regolatorja nazzjonali tas-settur postali ġiet maħtura bħala ARN għal dan is-settur, fis-sens tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/67. Skont l-Artikolu 2(12) tal-imsemmi digriet, il-funzjonijiet relatati, li kienu darba eżerċitati mill-ministeru kompetenti, "bir-riżorsi umani, finanzjarji u funzjonali rilevanti" ġew ittrasferiti lil din l-aġenzija. F'dak li jirrigwarda l-ispejjeż ta' funzjonament tal-imsemmija aġenzija, kien previst li dawn għandhom jiġu ffinanzjati, parzjalment, minn fond speċifiku inkluż fil-baġit tal-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku u, parzjalment, minn kontribuzzjoni mħallsa mill-operaturi kollha tas-settur.

13 Il-kompetenzi tal-aġenzija msemmija fil-punt preċedenti ġew ittrasferiti lill-AGCOM bl-Artikolu 21(13) u (14) tad-Decreto-Legge, n. 201 – Disposizioni urgenti per la crescita, l'equità e il consolidamento dei conti pubblici (id-Digriet Liġi Nru 201 li Jistabbilixxi d-Dispożizzjonijiet Urġenti għat-Tkabbir, għall-Ekwità u għall-Konsolidazzjoni tal-Kontijiet Pubbliċi), tas-6 ta' Diċembru 2011 (GURI Nru 284 tas-6 ta' Diċembru 2011), ikkonvertita fil-Liġi Nru 214 tat-22 ta' Diċembru 2011.

14 Skont kliem tal-Artikolu 1(65) u (66) tal-Legge n. 266 – Disposizioni per la formazione del bilancio annuale e pluriennale dello Stato (legge finanziaria 2006) (il-Liġi Nru 266 għall-Istabbiliment tal-Baġit Annwali u Pluriennali tal-Istat (il-Liġi Finanzjarja 2006)), tat-23 ta' Diċembru 2005 (GURI Nru 302, tad-29 ta' Diċembru 2005, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 266/2005"):

"65. Mill-2007, l-ispejjeż relatati mal-funzjonament [...] tal-Awtorità għall-Garanzija tal-Komunikazzjonijiet [...] ser ikunu ffinanzjati mis-settur ikkonċernat fil-parti mhux koperta mill-finanzjament li ġej mill-baġit tal-Istat, skont il-modalitajiet previsti mir-regolamenti fis-seħħ u skont l-ammonti ta' kontribuzzjoni ddeterminati b'deċiżjoni [tal-imsemmija] awtorità, b'osservanza tal-limiti previsti mil-liġi, u mħallsa direttament [lilha]; [...]

66. Sa mill-ewwel applikazzjoni tagħha matul is-sena 2006, l-ammont tal-kontribuzzjoni mħallas mill-entitajiet li joperaw fis-settur tal-komunikazzjonijiet [...] huwa stabbilit għal 1.5 għal kull elf tad-dħul iddikjarat fl-aħħar baġit qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi. Għas-snin ta' wara, il-varjazzjonijiet eventwali tal-ammont u tal-modalitajiet tal-ħlasijiet għandhom jiġu adottati mill-[AGCOM] skont il-paragrafu 65, fil-limitu ta' 2 % tad-dħul iddikjarat fl-aħħar baġit qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni."

15 L-Artikolu 65 tad-Decreto-Legge n. 50 convertito con modificazioni dalla L. 21 giugno 2017, n. 96 – Disposizioni urgenti in materia finanziaria, iniziative a favore degli enti territoriali, ulteriori interventi per le zone colpite da eventi sismici e misure per lo sviluppo (id-Digriet Liġi Nru 50, ikkonvertit, b'emendi, bil-Liġi Nru 96 tal-21 ta' Ġunju 2017 dwar Dispożizzjonijiet Urġenti fil-Qasam Finanzjarju, Inizjattivi Favur Awtoritajiet Territorjali, Interventi Addizzjonali fiż-Żoni Affettwati mit-Terremoti u l-Miżuri ta' Żvilupp) tal-24 ta' April 2017 (GURI Nru 95, tal-24 ta' April 2017, iktar 'il quddiem id-"Digriet Liġi Nru 50/2017"), jistipula:

"Mill-2017, l-ispejjeż tal-funzjonament tal-[AGCOM] marbuta mal-funzjonijiet tagħha bħala [ARN] tas-settur postali ser ikunu esklużivament issussidjati permezz tal-modalitajiet previsti fit-tieni sentenza tal-Artikolu 1(65) u (66) tal-Liġi. [...]"

**It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

16 Permezz tad-deċiżjonijiet ikkontestati, l-AGCOM identifikat il-persuni responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjoni kif ukoll il-modalitajiet ta' kalkolu tagħha msemmija fl-Artikolu 1(65) u (66), tal-Liġi Nru 266/2005 rispettivament għas-snin 2017 sa 2019.

17 Minn dawn id-deċiżjonijiet jirriżulta li l-persuni responsabbli għall-ħlas ta' din il-kontribuzzjoni huma "il-fornitur tas-servizz universali postali u l-persuni li għandhom liċenzja jew awtorizzazzjoni ġenerali", fis-sens tad-Digriet Leġiżlattiv li jittrasponi d-Direttiva 97/67. Wara dan, l-imsemmija deċiżjonijiet jindikaw li l-bażi tal-kontribuzzjoni hija komposta mid-dħul magħmul mill-impriżi responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjoni. Fl-aħħar, ir-rata applikabbli kienet tammonta għal 1.4 għal kull elf għas-snin 2017 u 2018 u għal 1.35 għal kull elf għas-sena 2019. Skont il-qorti tar-rinviju, l-applikazzjoni ta' din ir-rata għandha tippermetti li jiġu koperti l-ispejjeż kollha annwali li l-AGCOM kienet qiegħda tipprevedi li ssostni għall-finijiet ta' regolamentazzjoni tal-imsemmi suq matul kull waħda minn dawn is-snin.

18 Nexive Commerce *et*, li huma prinċipalment kumpanniji li jipprovdu servizzi ta' posta espressa fi ħdan is-suq Taljan, ippreżentaw rikorsi quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja) sabiex jitolbu l-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

19 Sa fejn dawn ir-rikorsi ġew miċħuda fl-ewwel istanza, Nexive Commerce *et* appellaw mis-sentenzi inkwistjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. Insostenn tal-appelli tagħhom, huma jsostnu, l-ewwel, li mill-Artikolu 9(2) u mill-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/67 jirriżulta li l-ispejjeż tal-funzjonament ta' din l-awtorità imputabbli għall-attivitajiet tagħha relatati mas-settur postali għandhom jiġu kofinanzjati mill-operaturi tas-suq u mill-baġit tal-Istat, it-tieni, li l-Artikolu 9(2) ta' din id-direttiva jippermetti li dawn l-operaturi jinżammu responsabbli biss għall-ħlas tal-"ispejjeż operazzjonali [tal-funzjonament]", jiġifieri biss l-ispejjeż diretti u strettament marbuta mat-twettiq tal-kompiti ta' regolamentazzjoni ta' dan is-settur li jaqgħu taħt is-servizz universali, u, it-tielet, li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma humiex konformi mal-Artikolu 9(2) tal-imsemmija direttiva sa fejn dawn ma humiex ibbażati fuq evalwazzjoni konkreta u sa fejn dawn la jieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tad-dħul tal-operaturi responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjoni, la s-sitwazzjoni tas-suq u lanqas, fl-aħħar, il-fatt li l-attività ta' ċerti impriżi ma teħtieġ l-ebda intervent ta' regolamentazzjoni.

20 Min-naħa tagħha, quddiem il-qorti tar-rinviju, l-AGCOM issostni, l-ewwel, li d-dispożizzjonijiet applikabbli f'dan il-każ ma kienu jimponu ebda kofinanzjament u li l-parti tal-ispejjeż tal-funzjonament ta' din l-awtorità koperta mill-Istat tista', għall-kull sena inkwistjoni, tkun

ekwivalenti għal żero. Min-naħa l-oħra, is-sistema hija allegatament ibbażata fuq in-neċessità li tiġi ggarantita l-indipendenza u l-awtonomija neċessarja tal-ARN fil-konfront tal-Gvern. Fir-rigward tar-rekwiżit ta' indipendenza funzjonali ta' dawn l-ARN fil-konfront tal-operaturi rregolati, stipulat fl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 97/67, dan ma jirrigwardax il-finanzjament tal-imsemmija awtoritajiet, iżda l-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħhom. It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, f'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(2) ta' din id-direttiva, fis-sens li l-possibbiltà, li Stat Membru għandu, li jissuġġetta l-għoti tal-awtorizzazzjonijiet li huwa joħroġ għall-obbligu ta' kontribuzzjoni finanzjarja għall-ispejjeż tal-funzjonament tal-ARN kompetenti tirrigwarda l-awtorizzazzjonijiet għall-eżerċizzju ta' servizzi postali li jaqgħu kemm taħt is-servizz universali kif ukoll taħt is-servizzi ta' posta espressa. Finalment, it-tielet, l-ispejjeż ġġenerati mis-servizzi "transversali" sostnuti mill-ARN għandhom jitqiesu bħala li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "spejjeż tal-funzjonament", fis-sens tal-Artikolu 9(2) tal-imsemmija direttiva.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2), l-Artikolu 9(3), u l-Artikolu 22 tad-Direttiva [97/67] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fl-ordinament Taljan (kif ifformulata fl-Artikoli 1(65) u (66) [tal-Liġi Nru 266/2005], u 65 tad-Digriet Liġi [Nru 50/2017]), li tippermetti li jintefa' esklużivament fuq il-fornituri tas-settur postali, inklużi dawk li [ma jipprovdux servizzi li] jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz universali, l-obbligu li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-ispejjeż operattivi [tal-funzjonament] tal-[ARN] tas-settur postali, u b'dan il-mod tammetti l-possibbiltà li tiġi eskluża kull forma ta' kofinanzjament pubbliku mill-fondi statali?

2) Ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 22 tad-Direttiva [97/67] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jippermettu li jiġu inklużi wkoll fost l-ispejjeż operattivi li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-fornituri ta' servizzi postali l-ispejjeż li jkollhom jiġu sostnuti għall-attivitajiet regolatorji [ta' regolamentazzjoni] li jkunu jirrigwardaw servizzi postali li jaqgħu [ma jaqgħux] fil-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz universali, kif ukoll l-ispejjeż għal strutturi amministrattivi u ta' natura politika (magħrufa bħala strutturi 'trażversali') li l-attivitajiet tagħha, anki jekk ma tkunx direttament intiża [jkunux direttament intiżi] għar-regolamentazzjoni tas-swieq tas-servizzi postali, tirriżulta madankollu funzjonali għat-twettiq tal-kompetenzi istituzzjonali tal-[AGCOM] bil-possibbiltà konsegwenti ta' attribuzzjoni indiretta u parzjali tagħha (pro quota) fis-settur tas-servizzi postali?

3) Il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni, ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2), [it-tielet inċiż ta]l-Artikolu 9[...], u l-Artikolu 22 tad-Direttiva [97/67] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fl-ordinament Taljan (kif ifformulata fl-Artikoli 1(65) u (66) tal-[Liġi Nru 266/2005], u 65 tad-Digriet Liġi [Nru 50/2017]), li timponi li jintefa' fuq il-fornituri tas-settur postali l-obbligu li jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-[ARN] tas-settur postali, mingħajr il-possibbiltà li ssir distinzjoni tal-pożizzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' posta espressa mill-pożizzjoni tal-fornituri tas-servizz universali u, għaldaqstant, mingħajr il-possibbiltà ta' evalwazzjoni tal-intensità differenti tal-attività ta' regolamentazzjoni mwettqa mill-[ARN] fir-rigward tat-tipi differenti ta' servizzi postali?"

**Fid-domandi preliminari**

22 Ir-raba’ inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67 jippermetti li l-Istati Membri jissuġġettaw, “fejn xieraq”, l-għoti ta’ awtorizzazzjonijiet lill-operaturi tas-settur postali għall-“obbligu li jingħata kontribut finanzjarju lill-ispejjeż operazzjonali [tal-funzjonament] tal-ARN tas-settur. Id-domandi kollha magħmula jirrigwardaw, essenzjalment, il-portata ta’ dan l-obbligu ta’ kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-“ispejjeż tal-funzjonament” tal-ARN ta’ dan is-settur. Issa, dan l-aħħar kunċett huwa s-suġġett tat-tieni domanda preliminari, li għandha, għalhekk, tiġi eżaminata l-ewwel.

***Fuq it-tieni domanda***

23 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-raba’ inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67, moqri flimkien mal-Artikolu 22 ta’ din id-direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta’ “spejjeż tal-funzjonament”, li jinsab fl-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, jinkludi, fl-ewwel lok, l-ispejjeż sostnuti mill-ARN tas-settur postali għall-finijiet tal-attivitajiet tagħhom ta’ regolamentazzjoni relatati mas-servizzi postali li ma jaqgħux taħt is-servizz universali u, fit-tieni lok, l-ispejjeż iġġenerati mill-attivitajiet ta’ dawn l-ARN li, filwaqt li ma humiex direttament marbuta mal-kompitu ta’ regolamentazzjoni ta’ dawn tal-aħħar, huma intiżi għat-twettiq tal-kompetenzi istituzzjonali ta’ dawn l-awtoritajiet fit-totalità tagħhom, jiġifieri l-ispejjeż sostnuti mill-imsemmija ARN minħabba l-attivitajiet tagħhom ta’ natura amministrattiva u istituzzjonali, preparatorji jew neċessarji għat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom ta’ regolamentazzjoni (iktar ’il quddiem l-“ispejjeż trażversali”).

24 F’dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, konformement mal-formulazzjoni tar-raba’ inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67, l-obbligu li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu abbażi ta’ din id-dispożizzjoni jirrigwarda l-finanzjament tal-ispejjeż tal-funzjonament tal-ARN imsemmija fl-Artikolu 22 ta’ din id-direttiva, jiġifieri dik li kull Stat Membru għandu jaħtar għas-settur postali, b’mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-imsemmija direttiva.

25 Dan espost, din id-direttiva ma tiddefinixxix il-kunċett ta’ “spejjeż [tal-funzjonament”. B’mod partikolari, ir-raba’ inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) ta’ din id-direttiva huwa, f’dan ir-rigward, ifformulat f’termini partikolarment ġenerali. Għandu, għalhekk, jiġi osservat, hekk kif jagħmel l-Avukat Ġenerali, fil-punt 31 tal-konklużjonijiet tiegħu, li r-riferiment għad-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta’ din id-direttiva ma jipprovdix elementi li jistgħu jiċċaraw iktar l-interpretazzjoni ta’ dan il-kunċett.

26 Issa, skont il-ġurisprudenza, jekk il-formulazzjoni ta’ dispożizzjoni ta’ direttiva ma tippermettix, fiha nnifisha, li tingħata risposta għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, għandu, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta’ din id-dispożizzjoni, jitqies il-kuntest tagħha, kif ukoll l-istruttura ġenerali u l-iskop ta’ din id-direttiva (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta’ Novembru 2019, Haqbin, C-233/18, EU:C:2019:956, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 F’dak li jirrigwarda, b’mod iktar speċifiku, l-ewwel parti tat-tieni domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità li tispeċifika li l-attivitajiet li għandhom jitwettqu mill-ARN tas-settur postali jikkonċernaw dan is-settur kollu u mhux biss il-provvisti ta’ servizzi li jaqgħu taħt is-servizz universali. Għaldaqstant, sa fejn l-attivitajiet tal-ARN, li huma inkarigati, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 97/67, li jiżguraw l-osservanza tal-obbligi li jirriżultaw minn din id-direttiva u tar-regoli tal-kompetizzjoni fis-settur postali, jirrigwardaw dan is-settur

fl-intier tiegħu u sa fejn ir-rwol u l-kompiti ta’ dawn l-awtoritajiet ġew ikkonċepiti mil-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea bħala li għandhom ikunu ta’ benefiċċju għall-atturi kollha tas-settur postali, ir-raba’ inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fornituri kollha ta’ servizzi postali, inklużi dawk li ma jipprovdux servizzi postali li jaqgħu taħt is-servizz universali jistgħu, bħala korrispettiv, jiġu suġġetti għall-obbligu li jikkontribwixxu għall-finanzjament ta’ dawn l-awtoritajiet (sentenza tas-16 ta’ Novembru 2016, DHL Express (Austria) (C-2/15, EU:C:2016:880), punti 29, 31 u 32).

28 Issa, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jikkostitwixxu “fornituri ta’ servizzi postali”, fis-sens ta’ din id-direttiva, l-impriżi ta’ trasport bit-triq, ta’ trasport ta’ merkanzija jew ta’ posta espressa li jipprovdu servizzi ta’ ġbir, ta’ ssortjar, ta’ trasport u ta’ tqassim ta’ oġġetti postali, ħlief fil-każ fejn l-attività tagħhom hija limitata għat-trasport ta’ oġġetti postali (sentenza tal-31 ta’ Mejju 2018, Confetra *et*, C-259/16 u C-260/16, EU:C:2018:370, punt 41). Għalkemm is-servizzi ta’ posta espress huma differenti minn dawk tas-servizz postali universali minħabba fil-valur miżjud tagħhom għall-klijenti, li għalih il-klijenti huma lesti li jħallsu iktar, fl-assenza ta’ indikazzjoni kuntrarja u fid-dawl tan-natura tal-obbligu inkwistjoni, ir-raba’ inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tal-imsemmija direttiva ma għandux jiġi interpretat fis-sens li jeskludi l-operaturi ta’ dawn is-servizzi mill-kamp ta’ applikazzjoni *ratione personae* tiegħu (ara s-sentenza tal-15 ta’ Ġunju 2017, Ilves Jakelu, C-368/15, EU:C:2017:462, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Għalhekk, meqjus dan il-kunċett globali tal-kompiti fdati f’idejn l-ARN tas-settur postali u meqjusa l-vantaġġi li l-operaturi kollha ta’ dan is-settur jistgħu jisiltu minnu, għandu jitqies li l-kunċett ta’ “spejjeż tal-funzjonament” għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi, fost l-ispejjeż li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-fornituri ta’ servizzi postali, kemm l-ispejjeż sostnuti mill-ARN inkarigati mis-settur għall-finijiet tal-kompiti tagħhom ta’ regolamentazzjoni tas-servizzi li jaqgħu taħt is-servizz universali kif ukoll dawk relatati mas-servizzi li ma jaqgħux taħtu.

30 F’dak li jirrigwarda t-tieni parti tat-tieni domanda, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li, fid-dawl ta’ dak li ġie kkonstatat fil-punt 25 ta’ din is-sentenza, la mill-kuntest u lanqas mill-istruttura ġenerali tad-Direttiva 97/67 ma jirriżulta xi element li jista’ jillimita l-portata tal-kunċett ta’ “spejjeż tal-funzjonament”, imsemmi fir-raba’ inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) ta’ din id-direttiva fis-sens li dan il-kunċett ma jinkludix l-ispejjeż trażversali.

31 Hekk kif josserva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 34sa 41 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-interpretazzjoni ta’ dan il-kunċett lanqas ma tista’ tkun ispirata minn dik tal-kunċett ta’ “spejjeż amministrattivi” msemmi fil-kuntest leġiżlattiv li jirregola l-komunikazzjonijiet elettroniċi, imsemmi fid-deċiżjoni tar-rinviju.

32 F’dan ir-rigward, l-Artikolu 16 tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi jindika l-ispejjeż marbutin mar-regolamentazzjoni tas-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jistgħu jkunu koperti mill-ħlasijiet amministrattivi imposti fuq impriżi li jipprovdu networks jew servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi. Iktar speċifikament, skont kliem l-Artikolu 16(1)(a), it-taxxi previsti fih ikopru, fit-totalità tagħhom, biss l-ispejjeż amministrattivi mġarrba bil-ġestjoni, bil-kontroll u bl-infurzar tas-sistema tal-awtorizzazzjoni ġenerali u tad-drittijiet tal-użu u l-obbligi speċifiċi li jistgħu jiġu imposti fuq dawn l-impriżi, li jistgħu jinkludu l-ispejjeż għall-kooperazzjoni, għall-armonizzazzjoni u għall-istandardizzazzjoni internazzjonali, l-analiżi tas-suq, il-monitoraġġ tal-konformità u kontrolli oħra tas-suq, kif ukoll l-ispejjeż relatati max-xogħlijiet ta’ regolamentazzjoni li jinvolvu l-preparazzjoni u l-infurzar ta’ leġiżlazzjoni sekondarja u ta’ deċiżjonijiet amministrattivi, bħal deċiżjonijiet dwar l-aċċess u l-interkonnessjoni.

33 Kien fir-rigward tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva "ta' awtorizzazzjoni", li portata tiegħu hija, essenzjalment, identika għal dik tal-Artikolu 16(1)(a) tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi li s-suċċessur tiegħu, li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha l-impriżi li joperaw fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet huma responsabbli għall-ħlas ta' taxxa intiża li tkopri l-ispejjeż kollha sostnuti mill-ARN inkarigata mis-settur u mhux iffinanzjati mill-Istat, bil-kundizzjoni li din it-taxxa tkun esklużivament intiża li tkopri l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet imsemmijin fl-imsemmija dispożizzjoni, u li d-dħul kollu miksub abbażi tal-imsemmija taxxa ma jeċċedix l-ispejjeż kollha relatati ma dawn l-attivitajiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Vodafone Omnitel *et*, C-228/12 sa C-232/12 u C-254/12 sa C-258/12, EU:C:2013:495, punt 43, kif ukoll id-Digriet tas-17 ta' Ottubru 2013, Sky Italia, C-376/12, EU:C:2013:701, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Issa, minn naħa, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li, bil-kontra tad-dispożizzjonijiet imsemmija fiż-żewġ punti preċedenti, li jelenkaw b'mod preċiż l-ispejjeż li jistgħu jkunu koperti mit-taxxi imposti fuq l-impriżi li joperaw fis-setturi kkonċernati, ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67 huwa fformulat f'termini ġenerali mingħajr ma jagħmel distinzjoni skont l-oriġini jew in-natura tal-ispejjeż iġġenerati għall-funzjonament tal-ARN.

35 Min-naħa l-oħra, din l-interpretazzjoni letterali hija konformi mal-għan imfittex mid-Direttiva 2008/6, li minnu rriżultat il-formulazzjoni attwali tar-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67, li jiġi ggarantit li l-ARN ikollhom ir-"riżorsi kollha meħtieġa, fir-rigward tal-persunal, il-kompetenza, u l-mezzi finanzjarji, għall-prestazzjoni tal-kompiti tagħhom".

36 Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, hemm lok li r-risposta għat-tieni domanda tkun li r-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67, moqri flimkien mal-Artikolu 22 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "spejjeż tal-funzjonament", li jinsab fl-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, jinkludi, fl-ewwel lok, l-ispejjeż sostnuti mill-ARN tas-settur postali għall-finijiet tal-attivitajiet tagħhom ta' regolamentazzjoni relatati mas-servizzi postali li ma jaqgħux taħt is-servizz universali u, fit-tieni lok, l-ispejjeż iġġenerati mill-attivitajiet ta' dawn l-ARN li, filwaqt li ma humiex direttament marbuta mal-kompitu ta' regolamentazzjoni ta' dawn tal-aħħar, huma intiżi għat-twettiq tal-funzjonijiet regolatorji tagħhom tas-settur postali.

### *Fuq l-ewwel domanda*

37 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2), u l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 97/67, moqri flimkien mal-Artikolu 22 ta' din id-direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sistema ta' finanzjament tal-ARN inkarigati mis-settur postali li hija sostnuta biss mill-kontribuzzjonijiet imposti fuq l-operaturi ta' dan is-settur abbażi ta' dan l-Artikolu 9, bl-esklużjoni ta' kull finanzjament pubbliku.

38 F'dan ir-rigward, l-ewwel, mis-sempliċi użu tat-termini "li jingħata kontribut" li jinsabu fir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67 ma jistax jiġi dedott li din id-dispożizzjoni tipprevedi biss il-possibbiltà li fuq l-operaturi tas-settur postali tiġi imposta sempliċi parteċipazzjoni fil-finanzjament tal-ispejjeż tal-funzjonament tal-ARN ta' dan is-settur. Fil-fatt, għalkemm it-termini "li jingħata kontribut" jistgħu jinftiehmu bħala li jirreferu

għall-azzjoni ta' parteċipazzjoni fi proġett komuni, dan ma jimplikax, madankollu, l-intervent ta' finanzjamenti li joriġinaw mill-baġit tal-Istat. Bil-kontra ta' dan, fid-dawl tal-formulazzjoni ġenerali ħafna tal-istess dispożizzjoni, minnha għandu jiġi dedott li fiha l-Istati Membri jingħataw marġni wiesa' ta' evalwazzjoni f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tas-sorsi tas-sistema ta' finanzjament tal-ARN inkarigati mis-settur postali.

39 Fil-fatt, hekk kif essenzjalment josserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 53 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikolu 9 tad-Direttiva 97/67 jagħti lill-Istati Membri għażla bejn sistema ta' finanzjament ibbażata esklużivament fuq it-taxxi imposti fuq l-operaturi postali, sistema ta' finanzjament akkarigu tal-baġits nazzjonali jew, fl-aħħar, sistema mħallta ta' kofinanzjament tal-ARN tas-settur postali, permezz ta' kontribuzzjonijiet tal-operaturi ta' dan is-settur u mill-baġit tal-Istat Membru kkonċernat. Il-paragrafu (3) ta' dan l-artikolu jillimita ruħu, f'dan ir-rigward, li jispeċifika li l-obbligi msemmija fil-paragrafu (2) tal-imsemmi artikolu huma trasparenti, aċċessibbli, nondiskriminatorji, proporzjonati, preċiżi u mhux ambigwi, huma ppubblikati minn qabel u bbażati fuq kriterji oġġettivi.

40 It-tieni, f'dak li jirrigwarda l-kuntest li minnu tifforma parti d-dispożizzjoni msemmija fil-punt preċedenti, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li l-Artikolu 1 tad-Direttiva 97/67, filwaqt li jispeċifika li jispeċifika li l-imsemmija direttiva tistabbilixxi regoli komuni li jirrigwardaw, fost l-oħrajn, il-ħolqien tal-ARN tas-settur ikkonċernat, ma jipprovdi ebda preċiżazzjoni addizzjonali f'dak li jirrigwarda r-regoli li jirregolaw il-mod ta' kif dawn jiġu ffinanzjati.

41 Ebda dispożizzjoni oħra ta' din id-direttiva ma tippermetti li tiġi kkonfutata l-konklużjoni misluta fil-punt 39 ta' din is-sentenza u lanqas, b'mod iktar speċifiku, il-kompatibbiltà mad-Direttiva 97/67 ta' sistema ta' finanzjament tal-ARN inkarigati mis-settur postali alimentata esklużivament permezz ta' kontribuzzjonijiet tal-operaturi ta' dan is-settur.

42 Ċertament, l-Artikolu 22 tal-imsemmija direttiva jinkariga lill-Istati Membri jaħtru ARN funzjonalment indipendenti mill-operaturi postali. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat, hekk kif jagħmel l-Avukat Ġenerali fil-punt 58 tal-konklużjonijiet tiegħu, li, sa fejn ARN effettivament ikollha riżorsi finanzjarji li jippermettulha li twettaq il-kompiti tagħha u li ma tkunx suġġetta għall-influwenza indebitu kemm tal-atturi tas-suq kif ukoll tal-awtoritajiet tal-Istat, il-metodu u s-sorsi tal-finanzjament tagħha ma humiex, bħala tali, determinanti.

43 Fl-aħħar, it-tielet, l-għan tar-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67, hekk kif imsemmi fil-punt 35 ta' din is-sentenza, ma jipprekludix li dan l-artikolu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti li l-Istati Membri jagħżlu metodu ta' finanzjament tal-ARN tas-settur postali alimentat esklużivament permezz ta' kontribuzzjonijiet tal-operaturi ta' dan is-settur, bil-kundizzjoni li jkun iggarantit li dawn l-ARN ikollhom ir-riżorsi indispensabbli għall-funzjonament tajjeb tagħhom u, għalhekk, li jkollhom mezzi legali li jippermettulhom li jeżiġu l-ħlas min-naħa ta' dawn l-operaturi.

44 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, hemm lok li r-risposta għal-ewwel domanda tkun li r-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 97/67, moqri flimkien mal-Artikolu 22 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru jagħżel mekkaniżmu ta' finanzjament tal-ARN inkarigata mis-settur postali alimentat esklużivament permezz tal-kontribuzzjonijiet imposti fuq l-operaturi ta' dan is-settur abbażi tar-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) ta' din id-direttiva, bl-esklużjoni ta' kull finanzjament mill-baġit tal-Istat, sakemm din is-sistema tiggarantixxi li

l-ARN ikkonċernata effettivament ikollha r-riżorsi indispensabbli sabiex tiżgura l-funzjonament tajjeb tagħha u t-twettiq, b'indipendenza sħiħa, tal-kompiti tagħha ta' regolamentazzjoni tas-settur postali jew il-mezzi legali li jippermettulha tikseb dawn ir-riżorsi.

### *Fuq it-tielet domanda*

45 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni kif ukoll ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li jiġi impost obbligu ta' kontribuzzjoni finanzjarja fuq l-operaturi kollha tas-settur postali, inkluż fuq il-fornituri ta' servizzi ta' posta espressa, u b'mod uniformi, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-grad ta' intensità allegatament varjabbli tal-attività ta' regolamentazzjoni tal-ARN li għaliha dawn huma suġġetti, skont jekk il-provvista li huma jwettqu taqax jew ma taqax taħt is-servizz universali.

46 F'dan ir-rigward, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li d-Direttiva 97/67 ma tipprevedix metodu speċifiku ta' kalkolu tal-ammont tal-kontribuzzjoni inkwistjoni. Madankollu, hekk kif ġie mfakkar fil-punt 39 ta' din is-sentenza, tali obbligu ta' kontribuzzjoni, impost abbażi tar-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) ta' din id-direttiva, ma għandux ikun biss, konformament mal-paragrafu (3) ta' dan l-artikolu, trasparenti, aċċessibbli, preċiż u mhux ambigwu, ikun ippubblikat minn qabel u bbażat fuq kriterji oġġettivi, iżda għandu josserva wkoll il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità.

47 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-proporzjonalità ta' obbligu ta' kontribuzzjoni impost abbażi tar-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2), tal-imsemmija direttiva, b'mod uniformi fuq l-operaturi kollha tas-settur postali, għandu jitfakkar li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, waqt evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi kollha ta' liġi u ta' fatt rilevanti, jekk tali leġiżlazzjoni hijiex adatta sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għanijiet imfittxija u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dawn jintlaħqu. Madankollu, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tipprovdilha għal dan il-għan l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ser jippermettulha tiddeċiedi (sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Confetra *et*, C-259/16 u C-260/16, EU:C:2018:370, punt 49 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

48 Għal dak li jikkonċerna, minn naħa, il-kapaċità li tali obbligu jiggarantixxi t-twettiq tal-għan li huwa jipprova jilħaq, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, leġiżlazzjoni nazzjonali tkun adegwata sabiex tiggarantixxi li jintlaħaq l-għan invokat biss jekk verament tirrifletti l-intenzjoni li dan jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku (sentenza tal-31 Mejju 2018, Confetra *et*, C-259/16 u C-260/16, EU:C:2018:370, punt 50 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

49 Dan espost, f'din il-kawża, ma huwiex ikkontestat li l-miżura inkwistjoni, li tikkonsisti fl-impożizzjoni b'mod uniformi, fuq l-operaturi kollha tas-settur postali, tal-istess obbligu ta' finanzjament u, b'mod partikolari, tal-istess rata ta' kontribuzzjoni, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-grad ta' intensità tal-attività ta' regolamentazzjoni tal-ARN fir-rigward tal-provvisti ta' servizz imwettqa minn kull operatur, hija xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan imfittex jew li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tfittex li tilħaq tali għan b'mod koerenti. Mill-kumplament, sa fejn l-għan ta' din il-miżura nazzjonali huwa, essenzjalment, dak li jiggarantixxi li l-ARN ikkonċernata jkollha l-iktar finanzjament wiesa' possibbli, li jkun jista' jippermettilha twettaq il-kompiti tagħha f'indipendenza sħiħa, l-imsemmija miżura għandha, bħala prinċipju, titqies bħala li hija xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq ta' tali għan.

50 Min-naħa l-oħra, din l-istess miżura ma tistax titqies bħala li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex l-għan imfittex jintlaħaq biss minħabba l-fatt li, għall-ħtiġijiet ta' kalkolu tal-kontribuzzjoni kontenzjuża, ma jitteħidx inkunsiderazzjoni l-grad ta' intensità, jekk ikun il-każ, għola tal-attività ta' din l-ARN fil-qasam tal-provvisti li jaqgħu taħt servizz universali.

51 Fil-fatt, ċertament, hekk kif tindika l-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet tagħha, ir-regolamentazzjoni tas-servizz universali timplika t-teħid ta' miżuri speċifiċi u, f'ċerti kuntesti, akkompanjament intens min-naħa tal-ARN ikkonċernata. Xorta jibqa' l-fatt li din l-attività ma tiddistingwix ruħha mill-attivitajiet l-oħra ta' tali ARN intiżi għar-regolamentazzjoni tas-suq ikkonċernat fit-totalità tiegħu u għandha, għalhekk, tiġi kkunsidrata fil-kuntest globali tal-liberalizzazzjoni tas-settur postali. Ma jistax, f'dan ir-rigward, fid-dawl tal-iżvilupp ta' dan is-settur, jiġi eskluż li d-diversi operaturi jistgħu jeżerċitaw attivitajiet dejjem iktar simili u li jeżisti, hekk kif josserva l-Gvern Portugiż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, interkambjabbiltà tas-servizzi postali.

52 Għalhekk, fid-dawl tal-marġni ta' evalwazzjoni msemmi fil-punt 38 ta' din is-sentenza, il-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2), u l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 97/67, ma għandhomx jiġu interpretati fis-sens li għandu jkun hemm korrelazzjoni preċiża bejn l-ammont tal-kontribuzzjoni imposta fuq l-operatur u l-ispejjeż effettivament sostnuti mill-ARN ikkonċernata minħabba l-attività tagħha ta' regolamentazzjoni fir-rigward ta' dan l-operatur.

53 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, skont ġurisprudenza stabbilita l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, dejjem sakemm tali differenza fit-trattament ma tkunx oġġettivament iġġustifikata (sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, RPO, C-390/15, EU:C:2017:174, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Issa, għalkemm, hekk kif huwa mfakkar fil-punt 28 ta' din is-sentenza, mill-fatt li s-servizzi ta' posta espressa jiddistingwu ruħhom mis-servizz postali universali minħabba l-valur miżjud mogħti lill-klijenti, ma jistax jiġi dedott li l-fornituri ta' tali servizzi jinstabu, mill-perspettiva tal-eventwali obbligu tagħhom li jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-ispejjeż tal-funzjonament tal-ARN inkarigati mis-settur postali abbażi tar-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67, f'sitwazzjoni li tiġġustifika trattament differenti minn dak mogħti lill-operaturi l-oħra ta' dan is-settur.

55 Dan jgħodd, b'mod iktar ġenerali, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 51 ta' din is-sentenza, għall-operaturi li ma jipprovdux servizzi li jaqgħu taħt servizz universali, li s-sitwazzjoni tagħhom ma tiġġustifikax, waħedha, trattament differenti meta mqabbel ma' dak mogħti għal dawk li jipprovdu tali servizzi. Fil-fatt, fid-dawl tal-vantaġġi li l-operaturi kollha tas-settur postali jisiltu mill-attività globali ta' tali ARN, għandu jiġi kkunsidrat li dawn jinstabu, bħala prinċipju, f'sitwazzjonijiet paragunabbli, indipendentement min-natura tas-servizzi li kull operatur jipprovdi.

56 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi enfasizzat li l-paragunabbiltà taż-żewġ sitwazzjonijiet għandha tiġi evalwata fid-dawl, b'mod partikolari, tal-għan tal-miżura li tistabbilixxi distinzjoni bejniethom jew, għall-kuntrarju, li tittrattahom b'mod identiku (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2011, Association belge des Consommateurs Test-Achats *et*, C-236/09, EU:C:2011:100, punt 29).

57 Issa, fid-dawl tal-għan imfittex mill-miżura inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kif identifikat fil-punt 49 ta' din is-sentenza, l-operaturi li ma jipprovdux servizzi li jaqgħu taħt servizz universali u dawk li jipprovdu tali servizzi għandhom jitqiesu bħala li jinstabu f'sitwazzjoni paragunabbli.

58 Għaldaqstant, u bla ħsara għall-evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi kollha ta' liġi u ta' fatt rilevanti, li għandha titwettaq mill-qorti tar-rinviju, regolamentazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax titqies bħala li tmur kontra l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

59 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, hemm lok li r-risposta għat-tielet domanda tkun li d-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni kif ukoll ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, sabiex jiġi ggarantit, lill-ARN inkarigata mis-settur postali, finanzjament li jista' jippermettilha twettaq il-kompiti tagħha marbuta mar-regolamentazzjoni ta' dan is-settur f'indipendenza sħiħa, timponi, b'mod uniformi, fuq l-operaturi kollha tal-imsemmi settur obbligu ta' kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-ispejjeż tal-funzjonament ta' din l-ARN mingħajr teħid inkunsiderazzjoni tal-intensità tal-kompiti ta' regolamentazzjoni u ta' akkompanjament eżerċitati skont id-diversi tipi ta' servizzi postali u mingħajr ma ssir distinzjoni, għal dan il-għan, bejn il-fornituri tas-servizz postali universali u l-operaturi ta' posta espressa, dejjem sakemm l-obbligu impost minn din ir-regolamentazzjoni fuq dawn l-operaturi jkun, barra minn hekk, trasparenti, aċċessibbli, preċiż u mhux ambigwu, ikun ippubblikat minn qabel u bbażat fuq kriterji oġġettivi.

**Fuq l-ispejjeż**

60 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' ħlas lura.

Għal dawn ir-raġunijiet, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2), u l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, kif emendata bid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008, moqri flimkien mal-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/67, kif emendata,**

   **għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

   **ma jipprekludix li Stat Membru jagħżel mekkaniżmu ta' finanzjament tal-awtorità regolatorja nazzjonali inkarigata mis-settur postali alimentat esklużivament permezz tal-kontribuzzjonijiet imposti fuq l-operaturi ta' dan is-settur, abbażi tar-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) ta' din id-direttiva, kif emendata, bl-esklużjoni ta' kull finanzjament mill-baġit tal-Istat, sakemm din is-sistema tiggarantixxi li l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji kkonċernata effettivament ikollha r-riżorsi indispensabbli sabiex tiżgura l-funzjonament tajjeb tagħha u t-twettiq, b'indipendenza**

**sħiħa, tal-kompiti tagħha ta' regolamentazzjoni tas-settur postali jew il-mezzi legali li jippermettulha tikseb dawn ir-riżorsi.**

2) **Ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67, kif emendata bid-Direttiva 2008/6, moqri flimkien mal-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/67, kif emendata,**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**il-kunċett ta' "spejjeż tal-funzjonament", li jinsab fl-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, jinkludi, fl-ewwel lok, l-ispejjeż sostnuti mill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji tas-settur postali għall-finijiet tal-attivitajiet tagħhom ta' regolamentazzjoni relatati mas-servizzi postali li ma jaqgħux taħt is-servizz universali u, fit-tieni lok, l-ispejjeż iġġenerati mill-attivitajiet ta' dawn l-awtoritajiet li, filwaqt li ma humiex direttament marbuta mal-kompitu ta' regolamentazzjoni ta' dawn tal-aħħar, huma intiżi għat-twettiq tal-funzjonijiet regolatorji tagħhom tas-settur postali.**

3) **Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni kif ukoll ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67/KE, kif emendata bid-Direttiva 2008/6/KE,**

**għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

**ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, sabiex jiġi ggarantit, lill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji inkarigata mis-settur postali, finanzjament li jista' jippermettilha twettaq il-kompiti tagħha marbuta mar-regolamentazzjoni ta' dan is-settur f'indipendenza sħiħa, timponi, b'mod uniformi, fuq l-operaturi kollha tal-imsemmi settur obbligu ta' kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-ispejjeż tal-funzjonament ta' din l-awtorità mingħajr teħid inkunsiderazzjoni tal-intensità tal-kompiti ta' regolamentazzjoni u ta' akkompanjament eżerċitati skont id-diversi tipi ta' servizzi postali u mingħajr ma ssir distinzjoni, għal dan il-għan, bejn il-fornituri tas-servizz postali universali u l-operaturi ta' posta espressa, dejjem sakemm l-obbligu impost minn din ir-regolamentazzjoni fuq dawn l-operaturi jkun, barra minn hekk, trasparenti, aċċessibbli, preċiż u mhux ambigwu, ikun ippubblikat minn qabel u bbażat fuq kriterji oġġettivi.**

Firem